28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 75

**Emenda 75**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden ukoll lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex, fejn xieraq, iwettqu investigazzjonijiet kriminali, jużaw għodod legali biex jiffriżaw assi suspettużi, jiftħu inkjesti dwar il-bordijiet tat-tmexxija potenzjalment involuti f'dan l-iskandlu, u jimponu sanzjonijiet xierqa u dissważivi fuq il-partijiet involuti; huwa tal-fehma li kemm l-awturi kif ukoll il-faċilitaturi ta' dawn ir-reati, li jinkludu mhux biss konsulenti tat-taxxa iżda anke avukati, kontabilisti u banek, għandhom jitressqu quddiem il-ġustizzja; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tintemm l-impunità tal-ħaddiema professjonisti u jiġi żgurat infurzar aħjar tar-regolamenti finanzjarji;*** |

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 76

**Emenda 76**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***8a. Iħeġġeġ lill-qrati tal-awdituri nazzjonali biex, fejn applikabbli, jagħmlu awditi tal-proċeduri ta' rifużjoni tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' dividendi u ishma sabiex jidentifikaw id-danni possibbli mġarrba bħala riżultat tal-iskandlu cum-ex u l-lakuni li hemm fil-livell nazzjonali, fuq l-eżempju tal-Qorti tal-Awdituri Awstrijaka;*** |

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 77

**Emenda 77**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***8b. Jinnota li s-Senat Franċiż, fi sforz biex jiġġieled il-prattika tal-arbitraġġ tad-dividendi, ressaq emenda għall-abbozz tal-baġit li tippermetti li jinżamm 30 % tal-valur tat-tranżazzjoni lil benefiċjarju barrani, li jingħatawlu lura a posteriori jekk juri li huwa s-sid benefiċjarju aħħari; jistieden lil-leġiżlaturi Ewropej jevalwaw il-possibbiltà li jimplimentaw din il-miżura fil-livell tal-UE;*** |

Or. en

28.11.2018

B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 78

**Emenda 78**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra proposta leġiżlattiva għal Unità tal-Intelligence Finanzjarja tal-UE, ċentru Ewropew għal xogħol investigattiv konġunt u mekkaniżmu ta' twissija bikrija;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 79**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| # # | ***11b. Itenni l-appell tiegħu għall-ħolqien ta' Ċentru tal-UE għall-Koerenza u l-Koordinament tal-Politika Fiskali (EUTPCCC) fil-qafas tal-istruttura tal-Kummissjoni, li jiżgura kooperazzjoni effikaċi u rapida bejn l-Istati Membri u jiffaċilita t-twissija bikrija f'każijiet bħall-iskandlu cum-ex; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu l-appoġġ tagħhom għal dan l-appell, u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal mekkaniżmu bħal dan;*** |

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 80

**Emenda 80**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11c. Jappella lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa ta' qafas Ewropew għal tassazzjoni fuq id-dħul kapitali li jnaqqas l-inċentivi li jiddestabbilizzaw il-flussi finanzjarji transfruntiera, jiġġeneraw kompetizzjoni fiskali fost l-Istati Membri u jimminaw il-bażijiet tat-taxxa li jiggarantixxu s-sostenibbiltà tal-istati soċjali Ewropej;*** |

Or. en

28.11.2018

B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 81

**Emenda 81**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu sehem fil-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa biex jintlaħaq ftehim malajr kemm jista' jkun dwar Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (FTT); jenfasizza li, kieku kien hemm FTT, prattiki bħal dawn kienu jkunu skuraġġiti u ma kinux iħallu daqshekk profitt għall-frodisti;*** |

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 82

**Emenda 82**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Ifakkar li l-ħlas tat-taxxi huwa kemm kontribuzzjoni korporattiva essenzjali għas-soċjetà kif ukoll għodda għal governanza tajba, u għalhekk huwa rekwiżit għal imġiba responsabbli fin-negozju; jenfasizza l-ħtieġa li l-prattiki fiskali dannużi jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR);*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13c. Ifakkar li kemm l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, kif ukoll il-konsulenti tat-taxxa, il-kontabilisti u l-avukati, jitqiesu bħala "entitajiet marbutin b'obbligu" skont id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, u għalhekk huma marbuta li jirrispettaw sett ta' dmirijiet għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' attivitajiet ta' ħasil tal-flus;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 84

**Emenda 84**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13d. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 biex temenda, fost regolamenti oħra, ir-regolament li jistabbilixxi l-EBA sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-EBA fis-superviżjoni kontra l-ħasil tal-flus fis-settur finanzjarju (COM(2018)0646); jenfasizza li, skont il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-BĊE għandu l-kompitu li jwettaq azzjonijiet ta' intervent bikri kif stabbilit fid-dritt rilevanti tal-Unjoni; huwa tal-fehma li l-BĊE għandu jkollu r-rwol li jwissi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u għandu jikkoordina kwalunkwe azzjoni rigward suspetti ta' nonkonformità mar-regoli kontra l-ħasil tal-flus f'banek jew gruppi taħt superviżjoni;*** |

Or. en